# STRUZZJONIJIET TA' EMERĠENZA

## ISTRUZZJONIJIET LILL-PUBBLIKU IN ĠENERALI LI JABITA VIĊIN IL-POWER STATION TA' DELIMARA

| **KIF TISMA' S-SIRENA, GĦANDEK TIMXI MA' DAWN L-ISTRUZZJONIJIET.** | Is-sirena tal-allarm tagħmel ħossb'ton li jogħla u jitbaxxa, u jdum sejjer tal-anqas għal minuta. |
|---|---|
| **Sib il-kenn billi tidħol fl-ewwel bini fil-viċin.** | Idħol fl-aktar bini viċin li hu bla periklu. Dan jipproteġik minn periklu estern bħal temperaturi għoljin li jkunu kawża ta' splużjoni jew nar. Billi tibqa' ġewwa, tkun qed tnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u b'hekk it-toroq jibqgħu mingħajr ingombru għas-servizzi tal-emerġenza. |
| **Agħlaq il-bibien u t-twieqi. Sodd is-sorsi tal-arja li tkun ġejja minn barra bħal ventijiet u ventilaturi.** | Agħlaq bibien, twieqi u persjani. B'hekk tkun protett minn xi tixjir ta' ħġieġ li jkunu kawża ta' xi splużżjonijiet. Oqgħod f'kamra il-bogħod mill-inċident, idealment waħda li jkollha mezz kif toħroġ barra minnha. Toqgħodx wara bibien u twieqi li jkunu jagħtu għal barra. |
| **Tużax it-telefon jew mobajl sakemm ma jkunx assolutament neċessarju.** | Il-linji tat-telefon għandhom jitħallew liberi, biex persuni fil-perikolu jkunu jistgħu jikkuntattjaw is-servizzi tal-emerġenza. Uża t-telefon biss jekk ikollok bżonn l-għajnuna. |
| **Tpejjipx! Itfi xi fjammi li jista' jkollok mixgħula.** | Jista jkun hemm fl-ajru, gass li jista jisplodi. |
| **Isma' r-radju u ara t-televiżjoni.** | Aktar dettalji u struzzjonijiet jingħataw fuq ir-radju u televiżjoni. Mur fuq it-TV tal- PBS jew radju 93.7MHz fuq l-FM. |
| **Stenna s-sinjal tal-'all clear' li jikkonferma li l-periklu jkun għadda.** | Is-sirena tal-'all clear' tagħmel ħoss kontinwu li jdum tal-anqas għal minuta. L-awtoritajiet javżaw wkoll fuq ir-radju u TV tal-PBS. |

Jekk teħtieġ aktar informazzjoni int mitlub tikkunttatja
l-**Customer Care tal-Enemalta** fuq in-numru **8007 2224**
jew
nistednuk wkoll iżżur is-siti tal-operaturi
**www.enemalta.com.mt, www.electrogas.com.mt**

DOC-10 - Reviewed September 2021